**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 220/2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Carmel Agius**

**Illum, 10 t' April,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Carmel Agius** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **0480156M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar it-12 ta' Novembru, 2022, għal ħabta ta' 10:35Hrs ġewwa Rabat, Malta:

1. Ikkaċċjajt jew ippruvajt tikkaċċja, ħadt jew ippruvajt tieħu xi għasfur mingħajr liċenzja valida għal dak il-għan maħruġa mill-Awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' regolament 12(1) u tielet proviso ta' Reg 27(3) ta' L.S. 549.42 u bi ksur ta' Reg 10(2) ta' L.S. 549.145;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, nsabt fuq sit li ma ġiex reġistrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-għasafar Selvaggi u dan bi ksur

ta' Regolament 12(d) ta' L.S. 549.145, u bi ksur tat-tieni proviso ta' Regolament 8(2) ta' L.S. 549.42".

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li barra l-piena skond il-liġi ordnat r-revoka ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt l-A.L. 79 ta' 2006 hekk kif emendat u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija hekk kif stabbilit taħt regolament 27(2)(b) tal-A.L tal-2006 hekk kif emendat u s-sospenzjoni tal-liċenzja taħt il-Kap.480 tal-Att dwar l-Armi tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li jidrilha xieraq din il-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-18 ta' Mejju ,2023, wara li rat ir-regolamenti 12(1) u 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 sabet lill-qua imputat, Carmel Agius, mhux hati tat- tieni imputazzjoni iżda ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrieh u konsegwentament kkundannatu għall-multa t'elfejn u ħames mitt Ewro (Eur. 2,500) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili ta' mitt ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnu fih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 (kif emendat), ordnat ukoll s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għall-perjodu ta' sentejn millum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Carmel Agius preżentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Gunju,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx il-ħtija tal-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha.

- Tbiddel fejn l-ewwel Qorti sabet il-ħtija fl-appellant skont ir-regolament 12 ittra "l" u regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnha.
- Fin-nuqqas tagħti piena aktar adegwata għaċ-ċirkostanza.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

(i) I-Ewwel Qorti sabet ħtija fil-konfront tal-appellant meta legalment qatt ma seta jsir dan;

(ii) I-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha meta sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil- konfront tiegħu.

**L-imputazzjonijiet mressqa fil-konfront tal-appellant mill-Prosekuzzjoni**

14. L-ewwel akkuża taqra hekk:

*"1. Ikkaċjajt jew ippruvajt tikkaċja, ħadt jew ippruvajt tieħu xi għasfur mingħajr liċenzja valida għal dak il-għan maħruġa mill-Awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' regolament 12(1) u tielet proviso ta' Reg 27(3) ta' LS. 549.42 u bi ksur ta' Reg 10(2) ta' LS. 549.145;*

**Ir-regolament 12 (1) - Il-kontenut tal-liċenzja speċjali għar-riċerka u Rekordjar ta' informazzjoni u ħelsien minnufih tal-kampjuni kollha maqbuda (leġislazzjoni sussidjarja 549.145 - Avviż Legali 394/2021)**

15. L-appellant jifhem li (I) fl-akkuża huwa referenza għall-ittra "I" tal-alfabet u mhux in-numru 1 dan anke l-għaliex fejn il-prosekuzzjoni riedet tikteb in- numru 1 (ara l-ewwel imputazzjoni meta tissemma L.S. 549.145 - sottolinejar u enfazi tal-appellant) hekk għamlet u ma kitbitux "I" (ara l-ewwel imputazzjoni meta jissemma regolament 12(1) - sottolinejar u enfazi tal-appellant) bħal ma għamlet fl-ewwel akkuża.

*"12. Kull liċenzja speċjali għar-riċerka maħruċa skont dawn ir-regolamenti għandha:*

*(I) teħtieġ li l-kollettur tad-data jirrekordja n-numri taċ-ċrieket xjentifiċi, id- dettalji tal-kampjun u tal-post minn fejn inqabad, kif stipulat fil-formola taċ- ċrieket maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, wara li l-kampjuni mill-ispeċi rilevanti ikunu tlibbsu ċurkett jew ġew kontrollati, segwita bil-ħelsien immedjat tal-kampjuni kollha mill-istess stazzjon tar-riċerka, u tirrikjedi ukoll li kull kampjun maqbud għandu jiġi rrappurtat immedjatament lill-Korp Regolatorju hekk kif preskritt fil-liċenzja speċjali, u li l-formola taċ-ċrieket għandha tingħata lura lill-Korp Regolatorju f'format stampata fil-perjodu li jkun stipulat f'ittra maħruġa lill-persuna bil-liċenzja wara l-għeluq tal-perjodu ta' riċerka".*

**<u>Ir-regolament 12 (1) - Liċenzja Ġenerali</u>**
**<u>(leġislazzjoni sussidjarja 549.42 Avviż Legali 79/2006)</u>**

16. Mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq riportat fil-paragrafu preċedenti, naraw x'jgħid dan ir-regolament.

*"12.(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir- regolamenti, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra;*

*Iżda kull liċenzja bħal dik għandha tinħareġ skont dawn ir-regolamenti u bla ħsara ta' kull policy u kondizzjoni li jistgħu jigu stabbiliti skont ir-regolament 10(6):*

*Iżda ukoll kull liċenzja bħal din għandha tinħareġ wara li jitħallas id-dritt stabbilit fl-Iskeda X*

**<u>It-tielet proviso tar-regolament 27 - Pieni u reati (leġislazzjoni sussidjarja 549.42 Avviz Legali 79/2006)</u>**

*"Iżda wkoll bla ħsara għad-dispozizzjonijiet tat-tielet proviso tas-subregolament (2), kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar mingħajr liċenzja valida għandha teħel il-pieni imniżżlin fis-sub regolament (2)(b) u l-Qorti għandha ukoll tordna li l-persuna ħatja għandha tkun skwalifikata milli tikseb liċenzja jew permess rilevanti taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal għomorha, u meta dik il-liċenzja tkun ġiet revokata b'mod permanenti skont is- subregolament (2)(b) jew il-Qorti tkun diġà ordnat li dik il-persuna ġiet skwalifikata milli tikseb liċenzja jew permess rilevanti għal għomorha, meta tinstab ħatja, dik il-persuna għandha teħel multa ta' mhux anqas minn sebat elef euro (€7,000) iżda mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn".*

**Ir-regolament 10 (2) - Liċenzja speċjali għar-riċerka (leġislazzjoni sussidjarja 549.145 - Avviż Legali 394/2021)**

*"(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet awtorizzati skont ir-regolament 23 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, it-tehid u l-immaniġġjar ta' għasafar mill-ispeċi rilevanti għal raġunijiet ta' riċerka huwa projbit ħlief meta jsir bil-liċenzja speċjali għar-riċerka maħruġa mill-Korp Regolatorju skont dawn ir-regolamenti".*

17. Biex l-appellant isaħħah l-argument tiegħu li r-regolament li għamlet referenza għalih il-prosekuzzjoni fl-imputazzjonijiet miġjuba kontrih huwa r-regolament 12 ittra "l" tal-leġislazzjoni sussıdjarja 549.145 u mhux regolament 12 numru "1" tal-leġislazzjoni sussidjarja 549.42 l-istess appellant jagħmel referenza għar-regolament l-ieħor li ghamlet referenza ukoll l-istess prosekuzzjoni fl-ewwel imputazzjoni u cioe referenza għar-regolament 10(2) tal-leġislazzjoni sussidjarja 549.145.

(i) Ma jagħmilx sens li fl-ewwel imputazzjoni dwar nuqqas ta' liċenzja (L.S. 549.42) ssir referenza ukoll għal liċenzja speċjali għar-riċerka (L.S. 549.145).
(ii) Jagħmel sens pero li fl-ewwel imputazzjoni dwar nuqqas ta' liċenzja valida (L.S. 549.145) ssir referenza ukoll għal liċenzja speċjali għar- riċerka (L.S. 549.145).

**<u>Akkuża żbaljata u sejbien ta' ħtija taħt dik l-akkuża żbaljata</u>**

18. Jekk I-Onorabbli Qorti tal-Appell ser tkun qed taqbel mal-argument imressaq mill-appellant hawn fuq cioe li l-imputazzjoni kienet tirreferi għar- regolament 12 ittra "I" u mhux għar-regolament 12 numru 1 allura ma tistax tinstab ħtija fir-rigward tal-appellant.

19. Jekk mill-banda l-oħra l-Onorabbli Qorti tal-Appell mhux ser taqbel mal- argument imressaq hawn fuq, ikun imiss li Hija tgħaddi sabiex tevalwa l-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti l-għaliex fil-fehma tal-appellant, dawn il-provi ma jissodisfawx il-vot tal-liġi għar-rigward ta' sejbien ta' ħtija fil-kamp penali.

Evalwazzjoni tal-Provi

20. L-ewwel Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward: "Għal dawn il-mottivi, din il- Qorti wara li rat ir-regolamenti 12(1) u 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 qed issib lill-qua imputat, Carmel Agius, hati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrieh".

21. Fir-regolament numru 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 (Avviż Legali 79/2006) nsibu li:

*i. "kaċċa" u "tikkaċċja" tfisser tikkaċċja jew tuża arma tan-nar jew arma ohra ta' kull tip sabiex tikkaċċja, u "tikkaċċja minn fuq il-baħar" tfisser tikkaċċja minn fuq opri tal-baħar" filwaqt li*

*ii. "tieħu" u "tehid" tfisser l-insib ta' għasafar selvaġġi, skont id- dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.*

22. L-ewwel qorti, biex waslet għas-sejbien ta' ħtija għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni qalet hekk:

*"Illi mill-provi mressqa, partikolarment mill-filmat esebiet mir-rappreżentant tal-Committee Against Bird Slaugher (CABS) jirriżulta ċar l-identifikazzjoni tal- imputat bhala l-persuna fil-filmat. Kif ukoll il-fatt li l-imputat jidher għaddej b'senter minn ġewwa l-għalqa kif ukoll il-fatt li kien hemm mansab imdawwar bl-ghasafar li kienu qed jintużaw bhala decoys. F'ħin minnhom l-imputat ġie anke osservat jiġbor l-istess għasafar. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-provi jirriżulta ċar li l-imputat ipprova jikkaċċja (fid-dawl ta' preżunzjoni legali la darba kien b'senter mhux fl-għata fidu ġewwa għalqa) kif ukoll jonsob mingħajr id-debita liċenzja mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Għaldaqstant il-qua imputat qed jinsab ħati tal-ewwel imputazzjoni. In kwantu għat-tieni imputazzjoni, l-imputat ser jiġi illiberat mill-istess ġaladarba din l-imputazzjoni hija marbuta ma liċenzja għall-insib skond id- deroga applikabbli. Fil-kaz odjern is-sit ma setgħa qatt ikun reġistrat fid-dawl tal-fatt li l-imputat lanqas biss kellu liċenzja għall-insib skond id-deroga".*

23. Jirriżulta li l-appellant kellhu liċenzja valida għal kaċċa iżda mhux għal insib. Dan kif ikkonfermat minn Carl Cauchi fix-xhieda tiegħu tat-8 ta' Mejju, 2023. Kif inhu magħruf, l-istaġun tal-kaċċa, fid-data li fiha l-appellant ġie akkużat li wettaq ir-reat in kwistjoni kien miftuh u allura meta l-ewwel Qorti qalet li "Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-provi jirriżulta ċar li l-imputat ipprova jikkaċċja (fid-dawl ta' preżunzjoni legali ġaladarba kien b'senter mhux fl-għata f'idu ġewwa għalqa)" fil-fehma tal-appellant huwa ma kien qiegħed jagħmel xejn ħażin l-għaliex l-istaġun tal-kaċċa kien miftuħ. Għar-rigward tal-insib, huwa minnu li l-appellant jidher fil-filmat jiġbor xi gabbjetti pero b'daqshekk biss ma jfissirx li huwa kien qiegħed jonsob. Dan il-fatt waħdu ma għandu qatt iwassal għat-tneħħija tad-dubbju raġjonevoli minn moħħ il-ġudikant speċjalment meta l-appellant, a tempo vergine kien stqarr mal-pulizija li huwa ma kienx nassab u li l-istess pulizija ma sabuhx ġol-mansab li minnhu huma ħadu x-xbieki. Kien jitneħħa dan id-dubju jekk l-addetti kienu jikkonfermaw li l-għalqa li fiha qalu li instab il-mansab kienet l-istess waħda li fiha l-appellant deher jiġbor il-gabbjetti u li per eżempju dik l-għalqa hija reġistrata fuqu. Dan setgħu faċilment jagħmluh, iżda l-prosekuzzjoni baqgħet qatt ma resqet din il-prova. Dan apparti l-fatt li meta l-pulizija waqfet lill-appellant, hija ma sabet xejn fuqu.

24. Illi għalhekk, I-appellant huma tal-fehma li l-prosekuzzjoni (1) ħarket b'mod ħażin lill-appellant u (2) l-istess prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova I-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni hekk kif trid u timponi il-Liġi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ntavolata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Marzu, 2024 fejn esponiet bir-rispett

llli l-appellant ġie akkużat talli nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena 2022 għal ħabta ta' 10:35Hrs ġewwa ir-Rabat Malta:

1. Ikkaċċja jew ipprova jikkaċja, ha jew ipprova jieħu xi għasfur mingħajr liċenzja valida għal dak il-għan maħruġa mill-Awtorita Kompetenti u dan bi ksur tar-regolamenti 12(1) u t-tielet proviso tal-Regolament 27(3) tal-LS 549.42 u bi ksur tal-Regolament 10(2) tal-LS 549.145; u

2. Fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi nsabt fuq sit li ma ġiex irreġistrat u approvat mit-Taqsima tal-Regolamentazzjoni għall-għasafar selvaġġi u dan bi ksur tar-regolament 8(2) tal-LS 549.42;

Illi l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant hati ta l-ewwel imputazzjoni, u ikkundannatu għal multa ta' elfejn u hames mitt ewro (EUR 2500.00) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali tista titħallas b'rati mensili ta' mitt ewro (Eur 100.00) fix-xahar;

Illi l-Qorti fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (kif emendat) ordnat ukoll s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt r-regolamemti tat-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' sentejn;

Illi madanakollu, l-appellant ħass ruħu aggravat bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) w interpona dan l-appell fejn fil-fehma tiegħu jgħid li l-Qorti tal-

Maġistrati 1] ma setgħetx ssib ħtija għaliex l-imputazzjoni kienet tirreferi għar-regolament 12 ittra I u mhux għal-regolament 12 numru 1;

Illi madanakollu l-esponent tgħid, bir-rispett kollu, li ma taqbilx ma' dan ir-raġunament u li dan l-aggravvju għandu jiġi miċħud minn din l-Onorabbli Qorti, għas-segwenti:

Illi huwa evidenti li sar żball - żball ta' pinna - fl-artikolu citat fiċ-ċitazzjoni;

Illi f'dan ir-rigward ikun opportun li l-ewwel u qabel kollox wieħed jara xi jgħid 1-artikolu 360 (2) tal-Kodiċi Kriminali, li jistipula x' għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni: ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b' mandat tal-Qorti u mressqa quddiem l-istess Qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

Illi għalhekk ċ-ċitazzjoni hi semplidement 'avviso a comparire', u cioe' ordni sabiex l-imputati jidhru quddiem il-Qorti, u biex ikunu jafu fuq x' hiex qegħdin jiġu akkużati.

Illi tajjeb li wieħed jaċċenna għall-fatt li kemm il-liġi u kif ukoll il-Qrati Maltin riedu, kemm jista' jkun, ikunu prattiċi fl-applikazzjoni tal-artiklu sucitat u ma riedux jintilfu fuq kwistjonijiet, formalizmi u problem tekniċi u proċedurali, a skapitu li ssir ġustizzja.

Illi l-esponenta tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizlja vs. Joseph Buttigieg** mogħtijia nhar il-25 ta' Lulju, 1994 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ġie rritenut:

> *"L-insenjament tal-Qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qrati inferjuri) tas-*

*6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet II- Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & CE. (Vol. XXXIII. iv. 758) li dahlet ukoll fl- oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ- ċitazzjoni ma hi xejn hlief avviż jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem Qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-Qorti taħt arrest (Art 360 (1))";*

Illi għaldaqstant l-ewwel aggravvju tal-appellant huwa wieħed fieragħ u lanqas ma għandu jwassal neċessarjament għall-liberazzjoni ta' dak li jkun.

Illi di piu is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati elenkat l-elementi kollha rikjesti mill-liġi ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-ewwel aggravvju imqanqal mill-appellant għandu jiġi miċħud;

Illi rigward it-tieni aggravvju tal-appellant u cioe li l-provi, f'kaz li l-ewwel aggravvju jigi miċħud, ma jissodisfawx il-vot tal-liġi għar-rigward ta' sejbien ta' ħtija jingħad illi:

Illi in materja ta' apprezzament ta' provi, huwa prinċipju ormaj stabilit fil-ġurisprudenza li din il-Onorabbli Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konkluzjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha;

F'dan ir-rigward l-esponent tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill- Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet ragonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma

> tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi mill-provi partikolarment mill-filmat esebiet rriżulta li l-imputat quo appellant kien qed jikkaċja jew jipprova jikkaċja mingħajr d-debita liċenzja;

Illi l-esponenti ssostni ukoll li biex wieħed jinstab ħati ta' kaċċa illegali ma hemmx ħtieġa li jinqabad b'xi għasfur f'idu. Ic-circumstantial evidence mhux biss hija ammissibbli talli tista' tkun l-aktar prova xjentifika u għaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellant għandu jiġi miċħud ukoll;

Illi a rigward tal-piena imposta, din hija fil-parametri tal-Liġi u għalhekk m'għandhiex tiġi disturbata minn din l-Onorabbli Qorti.

Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati nostrana li "meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibbilment) lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal- ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena".

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-esponent tqis li l-multa inflitta fuq l-imputat quo appellant mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija waħda (apparti li taqa' fil-parametri preskritti mil-Liġi) hija ekwa u ġusta.

Għaldaqstant, filwaqt li tirriserva d-dritt li tipproduċi aktar sottomissjonijiet permissibli bil-liġi, l-esponent hija tal-umli fehma li dan l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjez kontra l-appellant u s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandha tigi kkonfermata fl-intier tagħha.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat ix-xhieda li ddepomew fl-atti tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024.

Ikkunsidrat,

L-appellant jargumenta permezz tal-**ewwel aggravju** tiegħu illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fil-konfront tiegħu meta legalment ma setgħetx tagħmel dan għaliex l-imputazzjoni li għalih sabitu hati kienet tirreferi għar- regolament 12 ittra I u mhux għal-regolament 12 numru 1.

F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> *"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l- akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew Ii jkunu jistgħu jingħataw."*

Issa l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni **mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti**. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi biss li ċ-ċitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-

akkuża. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Philip Schembri</u>** mogħtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), ġie spjegat:

> *"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru* ***<u>b'mod ċar ir-reat tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni, jiġifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jiġi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb.</u>****"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mario Bezzina</u>**[1] ġie ritenut bl-iktar mod ċar illi

> ***<u>'Fil-każ in eżami, huwa minnu li fiċ-ċitazzjoni m'hemmx ċitat l-artikolu tal-liġi li għalih tirreferi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant - iżda tali indikazzjoni la hi meħtieġa u lanqas ma tifforma parti mill-fatti ta' l-akkuża.'</u>***[2]

Għaldaqstant, l-artikoli tal-liġi fil-kumparixxi mhux meħtieġa u il-prosekuzzjoni setgħet lanqas biss semmiethom, stante li kif ġie ritenut *supra*, tali indikazzjoni mhux neċessarja u ma tifformax parti mill-fatti tal-akkuża. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant Agius qiegħed jiġi respint.

**<u>It-tieni aggravju</u>** tal-appellant Agius jirrigwardja l-apprezzament żbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Julian Genovese</u>**:[3] '

[1] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar is-26 ta' Mejju, 2004
[2] Enfasi ta' din il-Qorti.
[3] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*'hu prinċipju ormaj stabilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużżjoni li dik il-Qorti setgħet ragonevolment u legalment tasal għall-konklużżjoni li waslet għaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti,* ***iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konkluzzjoni tagħha.*** *Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx ragjonevolment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[4]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[5]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[6]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[7]" [31.5.1991] u oħrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża "**R. v. Cooper**[8]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-liġi Ingliża s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) ,*

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[8] 1969] 1 QB 276.

*because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[9]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, dimend li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[10] ingħad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-eżerċizzju ta' din il-Qorti fil-kaz preżenti u f'kull kaz ieħor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setgħetx liberament u serenament tiġi emmnuta mingħajr ma jiġi vjolat il-prinċipju li d-dubju għandu jmur favur l-akkużat u, jekk tali versjoni setgħet tiġi emmnuta w evidentement ġiet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto ġieli għamlet – tiddisturba l-ġudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setgħux, taħt ebda ċirkostanza raġjonevoli, jagħtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

[9] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

Din il-Qorti ma tkunx semgħet ix-xhieda hi kif tkun semgħathom l-Ewwel Qorti, u għaldaqstant din tal-aħħar ikollha vantaġġ peress li tkun semgħet ix-xhieda u rat il-komportament tagħhom meta dawn xhedu. Għaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti tagħmel eżami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" għall-konkluzzjoni ta' ħtija.

Huwa prinċipju fundamentali tal-proċess penali li sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tali akkużi għandhom jiġu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raġuni.** Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[11] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, **dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analiżi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.[12]

[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[12] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **<u>il-kredibilita` tax-xhieda</u>** u dan billi din il-Qorti sejra tagħti qies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi oħra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Għandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innoċenza tiegħu.</u>** Illi għalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[13] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi preċizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

---

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.

**Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice**[14] b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [15] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.[16]

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija.

---

[14] 1997 Edition Para 10-3.
[15] 1952.
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[17] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif ġie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[18] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l- Qorti, f' każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistriehu

[17] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[18] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-evidenza li nġiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**PC 572 Antoine D'Amato**[19] xehed permezz t'affidavit fejn qal illi nhar it-12 ta' Novembru, 2022 waqt li kien xoghol ma PC 16 u kienu qed jagħmlu xi spezzjonijiet rigward kaċċa u nsib illegali waqt staġun miftuh għall-insib bil-liċenzja speċjali għall-għasafar tal-għana, irċevew telefonata mill-*control room* fejn infurmawhom illi fuq il-linja kien hemm Fiona Burrows mill-CABS fejn irraportatilhom li kien hemm mansab armat fuq sit mhux reġistrat fl-inħawi tal-Imtahleb. Hu flimkien mal-kollega tiegħu għall-ħabta ta' 10.35hrs marru fuq il-post indikat lilhom fejn kif kienu mixjin f'għalqa bil-mixi, reġgħet għamlet kuntatta magħhom Burrows fejn qaltilhom li kienet innutat in-nassab jitlaq minn fuq il-post u kien jinsab miexi f'passaġġ f'għalqa fil-viċin u wkoll iddeskrivitilhom l-imsemmi nassab u pprovditilhom wkoll ritratt li kienet ħadet tal-imsemmi nassab. Ftit il-bogħod minn fejn kienu, seta' jinnota l-persuna li kienet indikata lilhom, fejn hu u l-kollega tiegħu marru hdejh sabiex ikellmuh. Huma tawh it-twissija kif ukoll d-dritt li jikkonsulta m'avukat tal-għażla tiegħu, fejn dan irrifjuta u ffirma dikjarazzjoni li kien qiegħed jirrinunzja. Il-persuna ġie mitkellem rigward ir-rapport li kellhom mill-CABS u cioe' li kien qed jonsob fuq mansab mhux irreġistrat mal-WBRU u wkoll ġie muri ritratt li l-membru tal-CABS kienet bagħtetilhom fejn stqarr li l-persuna tar-ritratt kien hu izda li ma kienx qed jonsob. Il-kollega tiegħu PC 16 talbu d-dokumenti u dan irrifjuta li jgħaddihom u għalhekk hu ġie nfurmat li jekk ma kienx ħa jurihom xi tip ta' dokument sabiex jidentifika ruħu, kien ser jiġi arrestat. Sussegwentament, dan provdihom bin-numru tal-karta tal-identita' tiegħu. Dan il-persuna rriżulta li kien Carmel Agius u hu ġie mitlub sabiex imur magħhom fuq il-mansab iżda dan qalilhom li ma setax jimxi għaliex kien għadu kemm għamel intervent mediku fl-irkoppa. Hu u l-kollega tieghu komplew mixjin sabiex isibu l-mansab rapurtat lilhom. Malli waslu fil-post indikat lilhom mill-CABS, hu seta'

[19] Fol. 7 et seq tal-process.

jinnota mansab armat bix-xbiek u kif ukoll kellu l-ġbid għal ġod-dura li kien hemm fil-viċin tal-injam. Hu nnuta li fuq il-post ma kienx hemm għasafar tal-għanali jintużaw bħala decoys imma nnuta li l-mansab kien nadif u miżmum fi stat tajjeb li jindika li kien jiġi minsub. Għalhekk hu u PC 16 żarmaw il-mansab u reġgħu telaw fit-triq sabiex jerġgħu jiltaqgħu m'Agius ħalli jkellmuh. Agius ġie nfurmat rigward il-mansab li kienu għadhom kemm sabu fejn dan baqa' jirrifjuta li kien tiegħu u stqarr ukoll li ma kellux liċenzja speċjali tal-insib u li ma kienx nassab. Fuq il-post fil-preżenza t' Agius stess hu u l-kollega tiegħu elevaw par xbiek fejn inħarġet irċevuta bin-numru 001406 fejn Agius għażel li ma jiffirmahiex. Agius kien ġie nfurmat li kien ser jiġi mħarrek.

**<u>PC 16 Emanuel Zammit</u>**[20] xehed permezz t'affidavit fejn qal illi nhar it-12 ta' Novembru, 2022 filgħodu waqt li kien fuq ronda relatata ma kaċċa u nsib ma PC 572 rċivew telefonata mill-*control room* fejn hemm għaddewlu l-linja ma Fiona Burrows tal-NGO CABS fejn din tal-aħħar kienet irrapurtat mansab irregolari. Għall-habta ta' xi 10.35am waslu fuq il-post li l-membru tal-CABS kienet indikatilhom li qed isir dik it-tip t' irregolarita' ġewwa l-Imtahleb, fejn fl-istess ħin kienet reġgħet għamlet kuntatt magħhom u qaltilhom li n-nassab kien telaq minn fuq il-mansab u jinsab miexi ġo passaġġ, fejn ukoll għaddietilhom ritratti w'filmat li kien irnexxilha tieħu lin-nassab irapportat. Dak il-ħin huwa lemaħ lil persuna li kienet indikatilhom. Dan kien il-bogħod minnhom allura ġera u rnexxilu jilħqu u javiċċinah u mmedjatament tah is-solitu twissija, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta m'avukat tal-ghażla tiegħu, liema dritt hu rrifjuta u ffirma wkoll dikjarazzjoni. Kien ġie mitkellem dwar insib irregolari fuq mansab mhux irreġistrat mal-Awtorita' kompetenti. Hu ġie muri wkoll r-ritratt li Fiona kienet gibdet u ghadditilhom iktar kmieni, fejn dan stqarr li l-persuna fir-ritratt kien hu. Iżda dan qal li hu mhux nassab u kompla jgħid li iktar kmieni kien għall-kaċċa, iżda fl-ebda ħin ma kien nasab. Minn hemm kien talbu l-karta tal-identita' iżda rrifjuta li jtijilu. Dan kien qallu li jekk ried seta' jieħu d-dettalji tiegħu mill-pjanċa tal-vettura li kien fetah, iżda qal li l-ID card ma toħodiex u wara li qallu li l-vettura setgħet kienet ta' persuna oħra, u jekk ma kienx ser jidentifika ruħu kien ser jiġi arrestat, dan

[20] Fol. 10 et seq tal-process.

l-individwu kien qalilhom in-numru tal-ID card tiegħu b'mod verbali. Dan il-persuna kompla jgħid li ma kellu l-ebda dokument fuqu f'dak il-ħin u li xi żmien ilu kellu xi kwistjoni ma persuna li jilbes l-uniformi tagħna. Minn iktar stħarriġ irriżulta li dan il-persuna kien ċertu Carmel Agius. Minn hemm, hu u l-kollega tiegħu PC 572 mxew waħedhom sabiex isibu l-mansab irraportat għaliex is-Sur Agius qalilhom li kien għadu kemm għamel operazzjoni f'irkoptejh u ma setax jimxi. Kif waslu fuq is-sit li ndikatilhom Fiona huma sabu l-mansab li kien jinsab f'koordinati 35.8808060 14.3516630, liema mansab kienu sabuh armat w'attivat, b'par xbieki w' li jinġibed minn ġo dura magħmula mill-injam. Agius kien ġie mitkellem dwar dak li kienu sabu u PC 572 ħareġ irċevuta tal-oġġetti elevati u cioe' par xbiek. Agius għazel li ma jiffirmax għalihom u ġie nfurmat illi ser jinħarġu akkużi relatati kontrih. Hu esebixxa wkoll ritratti li kien ha hu stess dakinhar biċ-ċellulari tiegħu.

**<u>Fiona Burrows</u>**[21] xehedet nhar it-8 ta' Mejju, 2023 fejn qalet li hija kienet qed tixhed għan-nom tal-*Committee against bird slaughter*. Hija xehedet illi nhar it-12 ta' Novembru tas-sena ta' qabel hija kienet flimkien m' Alice Tribe ġewwa l-Imtahleb fejn bdew ifittxu mnasab mhux reġistrati. Xi 07.40 ta' filgħodu huma identifikaw mansab attiv u skont id-database tal-WRBU ma kienx reġistrat. Hija qalet illi kien hemm raġel li kien qed jispezzjona *cage decoys* fuq il-mansab. Hija ħadet video qabel ċemplet lil EPU. Meta l-EPU rnexxilhom imorru fuq il-post tal-mansab, ir-ragel kien ġa ġabar il-gaġeġ u ser jiċċaqlaq mill-post. Tgħid li kellha problema ta' reception sabiex tikuntattja l-EPU u r-ragel laħaq neħħa l-gaġeġ mill-vista tagħhom. Ir-ragel imbgħad beda jitbiegħed mill-mansab u l-EPU kienu fil-viċinanzi, iżda kienu għadhom ma sabux is-sit. Ir-raġel sparixxa għal ftit minuti u rnexxilhom jikkuntatjaw l-EPU sabiex jiggwidawhom dwar il-lokazzjoni. Sakemm l-EPU kienu għadhom qed ifittxu fejn, dan ir-raġel spiċċa jiġbor id-*decoys* u beda miexi lejn il-mansab. Wieħed mill-uffiċjali tal-EPU rnexxilu jidentifikah bħala l-persuna li hija kienet iddiskrevietlu u hu ġera warajh u rnexxilu jwaqqfu. Kien hemm karozza zgħira fil-wied fejn issuspettat li kienet tiegħu. L-Ufficjali tal-EPU ħadulu d-dettalji u meta waslu fejn il-mansab sabu biss ix-xbieki u d-*decoys* ma sabuhomx. Sussegwentament huma talbu kopja tal-video. Alice tal-Birdlife

[21] Fol. 17 et seq tal-process.

għamlet rapport peress li kien sit li kienet sabet hi. Hija giet murija l-video u l-screenshot meħud mill-video. Mistoqsija x'kien qed jagħmel f'dak il-ħin u qabel Agius, hija tgħid illi fl-ewwel screenshot is-suspettat kien diġa mexxa d-decoys u ħadhom barra u kien qed jitbiegħed mill-mansab.

**Alice Tribe**[22] xehedet nhar it-8 ta' Mejju, 2023 fejn qalet li kienet qed tixhed ghan-nom tal-Birdlife Malta. Qalet li nhar it-12 ta' Novembru, 2022 hija kienet l-Imtahleb flimkien ma Fiona Burrows u nnutaw sit mhux reġistrat. Bħala ħin dan kien 07.40 u ftit minuti wara Fiona cemplet lil EPU. L-ufficjali tal-EPU l-ewwel attendew fuq sit ieħor li ma kienx reġistrat u sussegwentament ġew fuq dan il-post wara. Hi tkompli sabiex tgħid illi raw nassab fuq is-sit u kien qed jispezzjona l-gaġeġ u kien anke qed jimxi b'shotgun f'punt minnhom ukoll. Tgħid illi kien hemm hafna gaġeġ mil-art u setgħu jaraw waħda fuq stikka fl-għoli. Huma ċċekjaw u rriżulta li dan ma kienx reġistrat. Il-pulizija ġew fuq il-post u waqfu lin-nassab li kien sejjer lura lejn il-vettura tiegħu. Dan kien madwar 10.30 meta l-pulizija ltaqħu man-nassab. Hi tgħid li ħadet screenshot minn wieħed mill-videos sabiex turi l-identita' tan-nassab. Tgħid li ritratt ieħor juri lin-nassab fuq il-mansab qiegħed iħares lejn il-gaġeġ. Tgħid li l-video ġie miġbud kemm minnha u kemm minn Fiona. Spjegat illi huma kienu madwar tlett mitt (300) metru l-bogħod u bdew isegwu minn distanza. Hija qalet illi setgħu jaraw ċar illi kien hemm l-għasafar fil-gaġeġ u anke setgħu jaraw uħud mix-xbieki. Huma raw biżejjed li setgħu jinnutaw li kien hemm mansab attiv.

**Carl Cauchi**[23] xehed nhar it-8 ta' Mejju, 2023 fejn qal illi nhar it-12 ta' Novembru, 2022 is-Sur Agius kellu liċenzja ġenerali tal-kaċċa u ma kellux liċenzja tal-insib u allura ma kellux permess tal-insib.

[22] Fol. 25 et seq tal-process.
[23] Fol. 33 et seq tal-process.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti hija rinfaċċata b'verżjonijiet kunflinġenti u ċioe' dik tal-appellant Agius illi jsostni li minkejja li kien fuq il-post dakinhar tat-12 ta' Novembru, 2022, huwa ma kienx qed jonsob, u fuq in-naha l-ohra x-xhieda ta' Burrows u Tribe li t-tnejn li huma kkonfermaw bil-ġurament tagħhom li raw lill-appellant jonsob. Oltre minn hekk, in sosten tal-verżjoni tagħhom ġew preżentati rapport, *screenshots* u filmat. Il-pulizija li marru fuq il-post sabu mansab u minkejja li l-*caged decoys* ma kienux hemm, il-mansab instab fiċ-ċirkostanzi li kollha kienu jiġbdu lejn direzzjoni waħda u cioe' li tali mansab kien wieħed attiv.

L-appellant permezz tar-rikors tiegħu jilmenta illi minkejja jidher fil-filmat jiġbor xi gabjetti, dan ma jfissirx li b'daqshekk hu beda jonsob. Jgħid illi kien jitneħħa dan id-dubju kieku l-pulizija per eżempju, ġabet il-prova li l-għalqa kienet irreġistrata fuq l-appellant. Huwa prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati, l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, **ikun moralment konvint** minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

**Lord Denning** fil-każ **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 jghid hekk dwar l-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt':*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice.* ***If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable',***

***<u>the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice</u>."***

Għaldaqstant, din il-Qorti wara li fliet l-atti kollha tal-każ tista' tgħid illi hija moralment konvinta illi l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-każ tagħha 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni u dan stante li fost affarijiet oħra, l-verzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni hija aktar attendibbli minn dik tal-appellant. Għalhekk it-tieni aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

L-appellant jitlob illi fin-nuqqas li tilqa' iż-żewg aggravji tiegħu, din il-Qorti għandha tagħti piena aktar adegwata għaċ-ċirkostanzi. Kif ġie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia[24]</u>** fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

Illi jirriżulta illi l-piena mposta hija wahda ġustifikata u li taqa' fil-parametri tal-liġi u għalhekk ma tħossx li għandha tiġi varjata.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgħa tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant Carmel Agius u għalhekk qegħda tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.

---

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2023.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef